KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 1.8.2005
KUMM(2005) 356 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONILILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-Indikatur Ewropew tal-Kompetenza Lingwistika

WERREJ

I DAĦLA 3

1 Il-Multilingwiżmu fis-soċjetà Ewropea 3

2 Limitazzjonijiet tad-*data* disponibbli 3

3 Ħtieġa għal *data* aktar affidabbli 5

II L-IMPLIMENTAZZJONI TA' L-INDIKATUR 6

1 Skop 6

2 Metodu 6

3 Grupp Immirat 7

4 Skala 7

5 Ilsna 7

6 Il-Ħiliet 7

7 Aktar *data* 8

8 Kooperazzjoni 8

9 Bord Konsultattiv għall-Indikatur Ewropew ta' Kompetenza Lingwistika 8

10 Implikazzjonijiet ta' riżorsi 9

11 Skeda 9

III KONKLUŻJONI 9

I DAĦLA

1 Il-Multilingwiżmu fis-soċjetà Ewropea

L-Unjoni Ewropea, mibnija madwar il-moviment ħieles taċ-ċittadini tagħha, il-kapital, il-prodotti u s-servizzi, illum tilqa' fiha 450 miljun ruħ minn diversi sfondi etniċi, kulturali u lingwistiċi.

L-importanza ta' l-inkoraġġament tal-multilingwiżmu tas-soċjetà u ta' l-individwu fl-Unjoni Ewropea ġiet ikkonfermata fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-Promozzjoni tat-Tagħlim ta' l-Ilsna u d-Diversità Lingwistika: Pjan ta' Azzjoni 2004-2006'[1] Il-ħila li tifhem u tikkomunika f'ilsna oħra barra ilsien art twelidek hija ħila bażika li ċ-ċittadini Ewropew kollha jeħtieġu. Li jiġu żviluppati aktar il-ħiliet fl-ilsna barranin huwa importanti biex titħaffef il-mobilità fi ħdan l-Unjoni;[2] dan jagħti kontribut fil-ħolqien ta' suq tax-xogħol verament Ewropew billi jippermetti liċ-ċittadini li jieħdu kull vantaġġ mil-libertà li jaħdmu jew jistudjaw f'xi Stat membru ieħor. Barra minn hekk, forza tax-xogħol b'ħiliet lingwistiċi prattiċi u interkulturali tippermetti lill-intrapriża Ewropea tikkompeti b'mod effettiv fis-suq globali.

Li wieħed jitgħallem u jitkellem ilsna oħra jħeġġeġ attitudni aktar miftuħa lejn l-oħrajn, il-kultura u l-viżjoni tagħhom. Barra minn hekk, meta wieħed jitgħallem ilsna oħra jtejjeb il-ħiliet kognittivi tiegħu u jissaħħaħ f'ilsien art twelidu, inklużi l-qari u l-kitba. Li wieħed jitgħallem *lingua franca* waħda mhux biżżejjed. L-objettiv tal-Kummissjoni hija soċjetà Ewropea tabilħaqq multilingwi: soċjetà li fiha r-rata ta' multilingwiżmu individwali tiżdied b'mod stabbli sakemm kull ċittadin ikollu ħiliet prattiċi f'ta' l-anqas żewġ ilsna barra minn ilsien art twelidu/ha.

Kapijiet ta' Stat u Gvern f'Barċellona f'Marzu 2002, wara li stabbilew l-objettiv li jagħmlu s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' l-Unjoni Ewropea referenza dinjija ta' kwalità sa l-2010, għamlu sejħa "*għal azzjoni ulterjuri ... biex titjieb il-padrunanza tal-ħiliet bażiċi, b'mod partikolari billi jiġu mgħallma ta' l-anqas żewġ ilsna barranin minn età bikrija...*"[3]. Fl-istess waqt, huma għamlu sejħa għat-"*twaqqif ta' indikatur ta' kompetenza lingwistika fl-2003*".[4] Din id-deċiżjoni ttieħdet minħabba n-nuqqas ta' *data* dwar il-ħiliet attwali lingwistiċi tan-nies fl-Unjoni Ewropea u l-ħtieġa ta' sistemi ta' min joqgħod fuqhom biex jitkejjel il-progress lejn dan l-objettiv ġdid.

2 Limitazzjonijiet tad-*data* disponibbli

Id-*data* li fil-preżent hija disponibbli hija limitata għal (a) *data* li ddaħħlet, bħal informazzjoni dwar it-tagħlim ta' l-ilsna fl-iskejjel, u (b) riżultati ta' stħarriġ dwar opinjoni pubblika.

---

1 COM (2003) 449 finali

2 Azzjoni 18 tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-ħiliet u l-mobilità (KOM (2002) 72 finali) tappella għall-iżvilupp tal-ħila li wieħed jitgħallem kulturi u ilsna oħra bħala parti minn skema ta' tagħlim tul il-ħajja fl-Istati Membri kollha.

3 Kunsill Ewropew ta' Barċellona, 15 u 16 ta' Marzu 2002, Konklużjonijiet tal-Presidenza, parti I, 43.1

4 (Ibid)

Dik ta' l-ewwel, perezempju, turi li l-perċentwali ta' studenti fl-edukazzjoni primarja li qegħdin jitgħallmu ilsien barrani qiegħda tiżdied, li l-firxa ta' ilsna mgħallma lill-etajiet kollha hija dejqa sew, u li d-diversità ta' ilsna disponibbli qiegħda tonqos; hemm tendenza li qiegħda dejjem tiżdied li 'tagħlim ta' ilsien barrani' tfisser biss 'tagħlim ta' l-Ingliż'.

Il-medja ta' ilsna barranin mgħallma fl-edukazzjoni sekondarja hija bil-wisq il-bogħod mill-mira stabbilita mill-Kunsill Ewropew ta' Barċellona ta' żewġ ilsna barranin minn età bikrija[5], kif hemm fl-iskeda hawn taħt.

Tabella C6: Medja ta' ilsna barranin mgħallma għal kull student, edukazzjoni sekondarja ġenerali (ISCED 2 u 3), 2001/02



	EU-25	BE fr	BE de	BE nl	CZ	DK	DE	EE	EL	ES	FR	IE	IT	CY	LV	LT	LU	HU	MT	NL	AT	PL	PT	SI	SK	FI	SE	UK	IS	LI	NO	BG	RO
ISCED 2	1.3	1.1	(:)	1.4	1.0	1.5	1.2	2.0	1.9	1.4	1.5	1.0	1.2	1.9	1.6	1.7	2.5	0.9	2.2	2.0	1.1	1.3	1.5	1.0	1.1	2.2	1.7	0.8	2.1	(:)	1.6	1.1	1.9
ISCED 3	1.6	1.9	(:)	2.6	2.0	2.1	1.3	2.3	1.1	1.3	2.0	0.9	1.2	1.6	1.9	1.6	3.3	1.2	1.1	1.5	1.7	1.9	(:)	2.0	2.0	2.8	2.1	(:)	1.6	(:)	(:)	1.8	1.9

Sors: Eurostat, New Cronos Mejju 2004.
.

Din id-*data* mdaħħla, għalkemm siewja, ma tagħtix stampa ċara ta' l-istat tat-tagħlim ta' l-ilsna.
Ma ssemmi xejn, pereżempju, dwar il-kompetenzi komunikattivi ta' l-istudenti.

L-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni fl-Adulti, li bħalissa qed jiġi żviluppat mill-Eurostat u li dalwaqt jitwettaq fil-pajjiżi matul l-2006, se jinkludi modulu li fih dawk li jwieġbu jirrappurtaw huma stess il-ħiliet lingwistiċi tagħom fuq l-iskali tal-Qafas Komuni ta' Referenza Ewropew għall-Ilsna. L-IEA jiġi ripetut kull 5 snin. Dan l-istħarrig se jipprovdi *data* kontestwali siewja dwar l-awto-evalwazzjonijiet tal-ħiliet fl-ilsna taċ-ċittadini adulti; mhux, iżda, maħsub biex jipprovdi evalwazzjoni oġġettiva tal-ħiliet fl-ilsna.

Sakemm din id-*data* tkun disponibbli, l-unika informazzjoni oħra disponibbli bħalissa dwar il-ħiliet fl-ilsna barranin hija dik li ġejja mill-istħarriġ ta' opinjoni ta' l-Eurobarometer li talbet lil min iwieġeb jagħmel evalwazzjoni tal-ħiliet tiegħu stess, u għaldaqstant l-affidabilità tagħha hija limitata. Bħala eżempju, id-*data* mill-Eurobarometers standard li minnhom sar il-*fieldwork* fl-2001 tagħti din l-istampa.

[5] Key data on teaching languages at school in Europe. (Eurydice, 2005 ; ISBN 92 894 8681-3)

% li wieġbu 'Jiena nista' nieħu sehem f'konversazzjoni f'ilsien li mhux ilsien art twelidi'. 2002

% qui ont répondu 'Je peux participer à une conversation dans une langue autre que ma langue maternelle'



Id-*data* donnha tagħti x'tifħem li hemm "firda lingwistika", fis-sens li l-ħiliet fl-ilsna huma mifruxa b'mod irregolari mal-pajjiżi, li x'aktarx turi l-importanza relattiva li s-soċjetà fl-Istati Membri differenti tagħti lit-tagħlim ta' l-ilsna. U minkejja dan, it-tagħlim ta' ilsien barrani diġa huwa parti mill-kurrikula fl-Istati Membri kollha, u jirrappreżenta sforz reali mill-awtoritajiet, l-għalliema u l-istudenti, fil-pajjiżi kollha[6]. Dan donnu jagħti x'jifhem li, jekk din il-firda trid tiċkien, mhux talli aktar ilsna jridu jiġu mgħallma, iżda jridu jiġu mgħallma b'mod aktar effettiv.

Għalhekk għad fadal triq twila qabel ma kull ċittadin ikollu l-ħiliet lingwistiċi u interkulturali meħtieġa biex jibbenefika miċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea, u qabel ma l-Istati Membri ikunu implimentaw it-talba tal-Kapijiet ta' Stat u Gvern tagħhom biex l-istudenti jitgħallmu ta' l-anqas żewġ ilsna barranin minn età bikrija.

3 Ħtieġa għal *data* aktar affidabbli

Kemm sar progress lejn dan l-objettiv jista' biss jitkejjel bl-użu ta' *data* affidabbli dwar x'ħareġ mit-tagħlim ta' l-ilsna barranin; din id-*data* jeħtieġ li tkun ibbażata fuq testijiet oġġettivi ta' ħila fil-lingwi. L-analiżi ta' din id-*data* għandha tgħin biex ikun hemm tqabbil aktar produttiv ta' strateġiji ta' lingwa u metodi ta' tagħlim bejn l-Istati Membri, bil-ħsieb li tinstab prassi tajba li tista' tintuża minn kullħadd.

Fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Barċellona, il-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern għamlu sejħa għat-twaqqif ta' Indikatur Ewropew ta' Kompetenza Lingwistika.

6 Eurydice, 2005 op. cit

Dan l-Indikatur ikun pass prinċipali metodoloġiku ’l quddiem; iwassal biex *data* valida u affidabbli tkun disponibbli għal dawk li jfasslu strateġiji, għalliema u min jitgħallem l-ilsna. L-għan finali huwa li tipprovdi lill-Istati Membri *b’data* ta’ konsistenza li fuqha jista’ ikun ibbażat kull tibdil meħtieġ fi strateġiji ta’ tagħlim ta’ ilsna barranin.

Dan l-Indikatur għandu jitqies fil-kuntest tal-medda ta’ indikaturi li l-Istati Membri qablu li jiżviluppaw permezz tal-proċess ‘Edukazzjoni u Taħriġ 2010’.

II L-IMPLIMENTAZZJONI TA’ L-INDIKATUR

Il-Pjan ta’ Azzjoni ‘Il-Promozzjoni tat-Tagħlim ta’ l-Ilsna u d-Diversità Lingwistika’ jimpenja l-Kummissjoni biex tiżviluppa Indikatur bħal dan. Il-Kummissjoni ġabet din l-attività ’l quddiem fuq bażi konsenswali mar-rappreżentanti ta’ l-Istati Membri, jiġifieri l-Gruppi Esperti ta’ Ħidma dwar l-Ilsna u dwar l-Indikaturi u l-Parametri ta’ Riferenza, li magħhom kellha diskussjonijiet fid-dettall li jirrigwardaw il-prinċipji li fuqhom għandu jkun ibbażat dan l-indikatur.

Issa ntleħaq punt li fih għandhom isiru ċertu għadd ta’ għażliet li jikkonċernaw il-parametri ġenerali ta’ l-indikatur, l-istrateġija li għandha tiġi adottata fl-ewwel ċiklu ta’ ġbir ta’ data, u arranġementi ta’ treġija.

L-istrateġija proposta mill-Kummissjoni tidher hawn taħt.

<u>Parametri</u>

1 Skop

L-iskop ta’ l-indikatur huwa li jitkejjlu l-kompetenzi ġenerali fl-ilsna barranin f’kull Stat Membru.

Għandu jkollu livelli għolja ta’ preċiżjoni u affidabilità; l-aċċettazzjoni politika tiġi waħedha.

B’konformità ma’ indikaturi internazzjonali simili, id-*data* għandha tinġabar tul intervalli regolari, p.e. ċikli ta’ tliet snin.

2 Metodu

Billi ma jeżistix ebda stħarriġ standardizzat dwar il-ħiliet fl-ilsna ma’ l-Unjoni kollha, qed jiġi propost li titwieġeb is-sejħa tal-Kunsill ta’ Barċellona ‘biex titjieb il-padronanza tal-ħiliet bażiċi b’mod partikolari billi jiġu mgħallma ta’ l-anqas żewġ ilsna barranin minn età bikrija’ permezz tat-tqassim ta’ testijiet ta’ kompetenza żviluppati apposta lil kampjun ta’ studenti f'istituzzjonijiet ta’ tagħlim u taħriġ fl-Istati Membri kollha. Fil-binja tat-testijiet, ir-riżultati ta’ proġetti rilevanti ta’ qabel ffinanzjati mill-Kummissjoni se jitqiesu sabiex ikun żgurat l-aqwa użu tar-riżorsi. Dan il-metodu ma jkoprix l-ambitu kollu ta’ ħiliet lingwistiċi tal-popolazzjoni adulta in ġenerali, iżda diffikultajiet ta’ metodoloġija u l-komplessità u spejjeż ta’ tqassim tat-testijiet lil popolazzjoni bħal din irendu din l-istrateġija diffiċli f’dan l-istadju.

3 Grupp Immirat

Fid-dawl tas-sejħa tal-Kunsill ta' Barċellona " *...biex titjieb il-padronanza tal-ħiliet bażiċi b'mod partikolari billi jiġu mgħallma ta' l-anqas żewġ ilsna barranin minn età bikrija...'* , huwa xieraq li d-*data* għall-indikatur tinġabar minn studenti li jkunu waslu fl-aħħar fl-edukazzjoni jew taħriġ obligatorju tagħhom u li f'dan l-istadju l-objettivi bażiċi ta' tagħlim ikunu ntleħqu.

Hemm varjetà wiesgħa ta' etajiet ta' meta wieħed jitlaq mill-iskola fl-Unjoni. Għal indikaturi u testijiet internazzjonali oħrajn (bħall-PISA), l-età ta' kompromess ta' 15 tiġi normalment adottata. Din għall-Kummissjoni tidher li hi l-għażla xierqa għal dan l-indikatur ukoll.

Qed jiġi propost li d-*data* għandha tinġabar minn studenti ta' 15.

4 Skala

L-indikatur għandu jżomm traċċja tal-profiċjenza tal-kampjun f'kull wieħed mis-sitt livelli ta' skali tal-Qafas Ewropew ta' Referenza Komuni għall-Ilsna (Kunsill ta' l-Ewropa)[7] Dan diġa huwa aċċettat f'ħafna postijiet u jintuża minn bosta Stati Membri fid-determinazzjoni tal-parametri ta' kejl u referenza tagħhom stess f'dan il-qasam.

5 Ilsna

B'konformità max-xewqat tal-Kunsill ta' Barċellona, għal kull kandidat fil-kampjun, l-indikatur għandu jkejjel il-ħiliet f'għallinqas żewġ ilsna, barra mill-ħila f'ilsien art twelidu.

Bħala prinċipju, l-indikatur għandu jkejjel il-ħiliet f'kull l-ewwel jew it-tieni ilsien barrani prinċipali fis-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ. Il-Kummissjoni tipproponi li fl-ewwel rawnd, u għal raġunijiet ta' pratiċità, il-kompetenza f'ilsna barranin għandha tiġi ttestjata fil-ħames ilsna l-aktar mgħallma ta' spiss fl-Unjoni kollha in ġenerali (i.e. l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, l-Ispanjol u t-Taljan[8]). L-esperjenza miksuba matul l-ewwel ċiklu ta' testijiet għandha tippermetti firxa usa' ta' ilsna li għad iridu jiġu ttestjati f'ċikli aktar 'l quddiem.

6 Il-Ħiliet

L-indikatur għandu jkejjel erba' ħiliet lingwistiċi: il-qari, is-smigħ, it-taħdit u l-kitba. Jista' jkun, li, (għal darb'oħra minħabba raġunijiet prattiċi) il-kompetenzi tat-taħdit ma jkunux ittestjati fl-ewwel rawnd; jekk dan ikun il-każ, l-esperjenza miksuba tul l-ewwel ċiklu ta' testijiet għandha tippermetti li l-erba' ħiliet lingwistiċi li huma jiġu ttestjati f'ċikli aktar 'l quddiem.

---

7 Qafas Ewropew ta' Referenza Komuni għall-Ilsna: Tagħlim u evalwazzjoni; Cambridge University Press 2001 ; ISBN 0 521 80313 6

8 Eurydice, 2005 op. cit il-paġni 47- 52

7 Aktar *data*

Huwa importanti li l-Istati Membri ikunu kapaċi jikkontestwalizzaw id-*data* fl-Indikatur. Ta' spiss, il-kompetenza lingwistika tkun effettwata minn fatturi li jinsabu barra mis-sistema edukattiva (bħal perezempju ilsna fuq it-TV, l-ambjent tad-dar) kif ukoll fatturi fi ħdan is-sistemi (bħal perezempju l-esperjenza ta' l-għalliem, in-numru totali ta' siegħat ta' lezzjonijiet fil-lingwa, eċċ). It-testijiet għalhekk għandhom ikunu ssuplimentati minn kwestjonarji lill-għalliema u studenti biex tinġabar informazzjoni kontestwali.

Arranġamenti ta' treġija

8 Kooperazzjoni

Il-Kummissjoni għandha l-impenn li tissodisfa l-mandat mogħti lilha mill-Kunsill Ewropew. Jidher ukoll ċar li dan l-Indikatur se jkun importanti għall-Istati Membri; se jipprovdi sorsa rikka ta' *data* ġdida li tista' tinforma deċiżjonijiet dwar l-istrateġija u l-prassi tat-tagħlim ta' l-ilsna barranin u jippermetti li l-prassi tajba tkun ta' kullħadd. L-Istati Membri għandhom ukoll esperjenza rikka fl-iżvilupp ta' indikaturi internazzjonali, li għandhom jiġu utilizzati fis-sħiħ. Il-Kummissjoni temmen li l-Istati Membri għandhom għalhekk ikunu involuti kompletament fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' l-Indikatur.

Fir-rigward tal-koordinazzjoni ċentrali tal-proċess, u l-analiżi ċentrali tal-materjal ipprovdut, dan se jitwettaq mill-Kummissjoni b'appoġġ estern ipprovdut permezz ta' kuntratt bi proċeduri normali ta' tenders.

Madankollu, il-Kummissjoni se teħtieġ appoġġ u pariri mill-Istati Membri fit-tħejjija ta' dan it-tender, fis-sorveljanza tal-kuntratt meta jseħħ, fid-determinazzjoni ta' l-aktar strateġija xierqa fit-tqassim tat-testijiet fl-Istati Membri u fl-implimentazzjoni ta' l-Indikatur b'mod ġenerali. .

Se jkun hemm ħtieġa ta' struttura li l-membri tagħha jkollhom l-awtorità ta' l-Istat Membru tagħhom biex jagħtu parir lill-Kummissjoni dwar dawn l-affarijiet tekniċi u ta' strateġija, u biex jibagħtu rapporti dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' l-Indikatur fl-Istat Membru tagħhom. Il-gruppi preżenti ta' esperti m'għandhomx il-mandat meħtieġ, lanqas il-kompetenza teknika meħtieġa fl-ittestjar tal-lingwi jew l-iżvilupp ta' indikaturi.

9 Bord Konsultattiv għall-Indikatur Ewropew ta' Kompetenza Lingwistika

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li tistabilixxi Bord Konsultattiv ta' rappreżentanti ta' Stati Membri ("il-Bord Konsultattiv IEKL") bir-rwol li ġej:

- jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-ispeċifikazzjoni tat-tender għall-ħolqien ta' l-għodod ta' l-ittestjar, u l-kriterji għall-għażla ta' minn jitfa' it-tender;
- jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tax-xogħol tal-kuntrattur;
- jagħti pariri dwar arranġamenti xierqa, protokolli ta' livell u tekniċi għall-attivitajiet ta' ġbir tad-*data* fl-Istati Membri;

- jara' li jkun hemm progress fl-implimentazzjoni fl-Istati Membri;

- jwettaq monitoraġġ tar-riżultati.

L-azzjonijiet meħtieġa fil-prattika biex timplimenta l-ġbir tad-*data* se jitwettqu mill-Istati Membri, (jew mill-awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Istati Membri bħall-Uffiċċji ta' l-Istatistika), fi ħdan il-protokolli u l-livelli mfassla mill-Kummissjoni fuq parir tal-Bord Konsultattiv. Dawn l-azzjonijiet se jinkludu:

- l-organizzazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' kampjun ta' istituzzjonijiet;

- it-tqassim tal-materjal tat-testijiet lill-inviġilaturi u l-arranġamenti prattiċi biex iseħħu t-testijiet;

- il-ġbir tat-tweġibiet u l-arranġamenti biex jiġu mmarkati skond l-istandards ċentrali;

- it-twassil tad-*data* li tirriżulta lill-koordinatur ċentrali.

Il-Kummissjoni għalhekk se twaqqaf il-Bord Konsultattiv meta l-Kunsill ikun wera li jappoġġja l-istrateġija spjegata fil-qofol hawnhekk u se tistieden kull Stat Membru jaħtar rappreżentant.

10 Implikazzjonijiet ta' riżorsi

Saret stima ta' l-ispejjeż ċentrali (ibbażata fuq l-ispejjeż ċentrali għal PISA). Għalhekk, ir-riżorsi xierqa ġew approvati ġewwa l-baġits tal-programmi Socrates u Leonardo da Vinci fl-2005; somom ta' flus bħal dawn se jkunu disponibbli fl-2006 u l-Kummissjoni pproponiet li spejjeż bħal dawn mis-sena 2007 'l quddiem għandhom jaqgħu taħt il-programm il-ġdid fil-qasam tat-Tagħlim Tul il-Ħajja.

Fir-rigward ta' l-estimi meħtieġa tar-riżorsi ta' l-Istat Membru, dawn naturalment se jiddependu fuq il-metodoloġija magħżula fl-aħħar mill-aħħar b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri. Iżda, il-funzjonijiet stabbiliti hawn fuq bilfors se jinvolvu spejjeż. Indikazzjoni ta' dawn l-ispejjeż tista' tinkiseb billi wieħed jirreferi għall-baġits rilevanti nazzjonali għal PISA.

11 Skeda

Il-Kummissjoni tixtieq issejjaħ l-ewwel laqgħa tal-Bord Konsultattiv IEKL qabel l-aħħar ta' l-2005, biex toħroġ it-tender għal koordinazzjoni ċentrali ta' l-Indikatur fir-rebbiegħa ta' l-2006, u biex torganizza l-ewwel eżerċizju ta' prova biex tittestja l-għodod ta' ittestjar proposti fl-2007.

III KONKLUŻJONI

L-Indikatur Ewropew ta' Kompetenza Lingwistika għandu valur fih innifsu. Se jurina aktar dwar il-kapaċitajiet multilingwi taż-żgħażagħ Ewropej li bħalissa nafu, jew li nistgħu niskopru b'xi mod ieħor. Iżda huwa, fl-istess ħin, simbolu ta' aktar minn hekk. Meta l-Kunsill Ewropew ta' Barċellona għamel sejħa għat-twaqqif ta' l-indikatur, għamel ukoll osservazzjoni li t-tagħlim ta' għalinqas żewġ ilsna barranin minn età bikrija nett kien parti

importanti tal-ħiliet bażiċi – parti mill-patrimonju taċ-ċittadini Ewropej kollha. F'dan is-sens, il-Kunsill Ewropew enfasizza li l-Unjoni tilqa' fiha nies ta' ħafna kulturi u ilsna; u li wieħed jitgħallimhom hija parti milli jkun Ewropew.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill jesprimi l-qbil tiegħu ma' l-istrateġija spjegata fil-qofol f'din il-Komunikazzjoni għall-implimentazzjoni ta' l-Indikatur Ewropew ta' Kompetenza Lingwistika, sabiex il-ħidma ta' tħejjija tista' tipproċedi b'pass xieraq. Espressjoni ta' appoġġ mill-Kunsill qabel l-aħħar ta' din is-sena hija essenzjali għall-iskeda.

FICHE FINANCIÈRE

1. DÉNOMINATION DE LA PROPOSITION :

The European Indicator of Language Competence – Implementation

2. CADRE ABM / EBA (GESTION/ÉTABLISSEMENT DU BUDGET PAR ACTIVITÉS)

Domaine(s) politique(s) concerné(s) et activité(s) associée(s):

Education et culture

Culture et langues

3. LIGNES BUDGÉTAIRES

3.1 Lignes budgétaires (lignes opérationnelles et lignes connexes d'assistance technique et administrative (anciennes lignes BA)), y compris leurs intitulés:

15.02.02.02 Socrates

15.03.01.02 Leonardo da Vinci

puis, à partir de 2007, la ligne budgétaire qui correspondra au programme Lifelong Learning dont la proposition de décision a été adoptée par la Commission en juillet 2004.

3.2 Durée de l'action et de l'incidence financière:

L'action débutera en 2005 ; elle pourrait avoir un caractère permanent ; elle durera au minimum 3 ans.

3.3 Caractéristiques budgétaires (ajouter des lignes le cas échéant):

Ligne budgétaire	**Nature de la dépense**		**Nouvelle**	**Participation AELE**	**Participation pays candidats**	**Rubrique PF**
15.02.02.02 Socrates	DNO	CD	NON	OUI	OUI	**N°** 3
15.03.01.02 Leonardo da Vinci	DNO	CD	NON	OUI	OUI	**N°** 3

4. RÉCAPITULATIF DES RESSOURCES

4.1 Ressources financières

4.1.1 Article Récapitulatif des crédits d'engagement (CE) et des crédits de paiement (CP)

millions d'euros (à la 3ème décimale)

Nature de la dépense	Section n°		2005	2006	2007	2008	2009	2010 et suiv.	Total
Dépenses opérationnelles[9]									
Crédits d'engagement (CE)	8.1	a	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
Crédits de paiement (CP)		b	pm	pm	pm	pm	pm	pm	pm
Dépenses administratives incluses dans le montant de référence[10]									
Assistance technique et administrative – ATA (CND)	8.2.4	c	-	-	-				-
MONTANT TOTAL DE RÉFÉRENCE									
Crédits d'engagement		**a+c**	**pm**	**pm**	**pm**	**pm**	**pm**	**pm**	**pm**
Crédits de paiement		**b+c**	**pm**	**pm**	**pm**	**pm**	**pm**	**pm**	**pm**
Dépenses administratives <u>non</u> incluses dans le montant de référence[11]									
Ressources humaines et dépenses connexes (CND)	8.2.5	d	0,054	0,108	0,108	0,108	0,108	0,108	0,594

9 Dépenses ne relevant pas du Chapitre xx 01 du Titre xx concerné.
10 Dépenses relevant de l'article xx 01 04 du Titre xx.
11 Dépenses relevant du Chapitre xx 01, sauf articles xx 01 04 et xx 01 05.

Frais administratifs autres que les ressources humaines et coûts connexes, hors montant de référence (CND)	8.2.6	e	0,086	0,086	0,086	0,086	0,086	0,086	0,516

Total indicatif du coût de l'action

TOTAL CE y compris coût des ressources humaines		a+c+d+e	**0,140**	**0,194**	**0,194**	**0,194**	**0,194**	**0,194**	**1,110**
TOTAL CP y compris coût des ressources humaines		b+c+d+e	**0,140**	**0,194**	**0,194**	**0,194**	**0,194**	**0,194**	**1,110**

Remarque:

La mise sur pied de l'indicateur n'entraînera pas de dépense opérationnelle supplémentaire à charge du budget de l'Union: les dépenses correspondantes seront supportées par les programmes Socrates et Leonardo da Vinci (puis Lifelong Learning) sans augmentation des dotations globales de ces programmes; de là la mention "pm" reprise ci-dessus. Pour information, la contribution annuelle de ces programmes au financement de l'indicateur devrait être globalement de l'ordre de 2,5 MioEUR.

Détail du cofinancement

Néant. Il n'y aura pas de cofinancement des dépenses centrales impliquées par ce projet (les Etats membres ne prendront en charge que les dépenses, décentralisées, d'administration des enquêtes).

4.1.2 Compatibilité avec la programmation financière

☒ Proposition compatible avec la programmation financière existante.

☐ Cette proposition nécessite une reprogrammation de la rubrique concernée des perspectives financières.

☐ Cette proposition peut nécessiter un recours aux dispositions de l'accord interinstitutionnel[12] (relatives à l'instrument de flexibilité ou à la révision des perspectives financières).

[12] Voir points 19 et 24 de l'accord interinstitutionnel.

The appropriations from 2007 are subject to the approval of the next financial programming period.

4.2.3 Incidence financière sur les recettes

☒ Proposition sans incidence financière sur les recettes

☐ Incidence financière - L'effet sur les recettes est le suivant:

4.2 Ressources humaines FTE (y compris fonctionnaires, personnel temporaire et externe) - voir détail sous le point 8.2.1.

Besoins annuels	2005	2006	2007	2008	2009	2010 et suiv.
Total des effectifs de ressources humaines	0,5	1,0	1,0	1,0	1,0	1,0

5. CARACTÉRISTIQUES ET OBJECTIFS

Des précisions relatives au contexte de la proposition sont exigées dans l'exposé des motifs. La présente section de la fiche financière doit contenir les éléments d'information complémentaires ci-après:

5.1 Réalisation nécessaire à court ou à long terme

L'action vise à court terme l'élaboration de l'indicateur européen de compétence linguistique qui a été demandé par le Conseil européen de Barcelone de 2002. L'existence de ce nouvel indicateur comblera une vide que les états membre ont constaté.

5.2 Valeur ajoutée de l'implication communautaire, compatibilité de la proposition avec d'autres instruments financiers et synergie éventuelle

L'implication communautaire permettra la coordination d'un travail en commun des États Membre pour la mise en œuvre d'un projet qui a été demandé par les chefs d'État et de Gouvernement. L'approche proposée à été choisie parce qu'elle implique un équilibre efficace et performant entre une action décentralisée et hétérogène, et une action complètement centralisée.

5.3 Objectifs, résultats escomptés et indicateurs connexes de la proposition dans le cadre de la gestion par activités (ABM)

L'action proposée contribuera à l'objectif "Promouvoir la diversité linguistique". Il s'agit de promouvoir la diversité linguistique et l'apprentissage des langues par la mise en oeuvre d'une stratégie communautaire et des actions linguistiques dans les programmes d'éducation et de formation, afin d'améliorer quantitativement et qualitativement les connaissances de langues dans l'Union européenne.

Les résultats escomptés seront la définition d'un nouvel indicateur de compétence en langues et la création de tests de langue et la récolte de données pour alimenter cet indicateur. Les

tests seront administrés à un échantillon quantitatif et représentatif dans chaque pays, afin de mesurer son niveau de compétence en langues. Les compétences seront mesurées selon les 6 niveaux établis dans le Cadre Commun de Référence en Langues.

Les indicateurs principaux de la réussite de cette action seront :

- l'existence d'un système UE de tests pour recueillir les données sur les compétences en langues d'un échantillon d'élèves, dans chaque pays;
- l'existence et la qualité des données ainsi recueillies ; et
- à travers l'analyse de ces données, des comparaisons des 'output' et de l'efficacité des différents systèmes d'apprentissage de langues,
- permettant ainsi au états membres d'y apporter les réorientations nécessaires.

5.4 Modalités de mise en œuvre (indicatives)
Indiquer ci-dessous la (les) modalité(s)[13] de mise en œuvre choisie(s).

☐ ***Gestion centralisée***

☒ directement par la Commission

☐ indirectement par délégation à:

☐ des agences exécutives,

☐ des organismes créés par les Communautés, tels que visés à l'article 185 du règlement financier,

☐ des organismes publics nationaux/organismes avec mission de service public.

☐ ***Gestion partagée ou décentralisée***

☐ avec des Etats membres

☐ avec des pays tiers

☐ ***Gestion conjointe avec des organisations internationales (à préciser)***

Remarques:

La proposition de la Commission est que la coordination centrale soit assurée par la Commission (et donc que les coûts centraux, notamment les coûts de réunions du Board et les coûts de la création de tests, de la coordination de leur correction, de l'établissement des données finales par pays et de l'indicateur lui-même soient couverts par le budget

[13] Si plusieurs modalités sont indiquées, veuillez donner des précisions dans la partie «Remarques» du présent point.

communautaire). Les tâches d'administration des tests dans un échantillon d'institutions dans tous les pays seront assurées par les États membres (et les coûts supportés par eux).

Cette fiche financière ne concerne que les coûts à charge du budget communautaire.

6. CONTRÔLE ET ÉVALUATION

6.1 Système de contrôle

Selon les procédures appliqués pour les programmes Socrates et Leonardo da Vinci.

6.2 Évaluation

6.2.1 Évaluation ex-ante

Cette proposition répond au constat des Chefs d'État et de Gouvernement lors du Conseil européen de Barcelone que l'Union ne possède pas de données fiables sur les compétences linguistiques de ses citoyens et à sa demande relative à l'établissement d'un Indicateur Européen de Compétences Linguistiques.

Une étude élaborée par un consultant externe a confirmé la non-existence de tests en langues adaptés pour être utilisés pour recueillir les données requises à l'échelle européenne[14]

La proposition a été rédigée suite à des discussions détaillées avec le groupe d'experts nationaux en matière de langues et avec le groupe d'experts nationaux en matière d'Indicateurs et Benchmarks.

6.2.2 Mesures prises suite à une évaluation intermédiaire/ex-post (leçons tirées des expériences antérieures similaires)

Aucune évaluation intermédiaire n'existe à présent.

6.2.3 Conditions et fréquence des évaluations futures

Les résultats de cette action seront pris en compte et communiqués notamment dans le contexte des futurs rapports sur le processus 'Éducation et Formation 2010'.

7. MESURES ANTIFRAUDE

Selon les procédures appliquées pour les programmes Socrates et Leonardo da Vinci.

[14] Report « Language Skills Indicator » by Anne West, Professor of Education Policy, Centre for Educatinal Research, Department of Social Policy, London School of Economics and Political Science 2003

8. DÉTAIL DES RESSOURCES

8.1 OBJECTIFS DE LA PROPOSITION EN TERMES DE COÛTS

Crédits d'engagement en millions d'euros (à la 3ème décimale)

(Indiquer les intitulés des objectifs, des actions et des réalisations / outputs)	**Type de réalisa-tion /output**	**Coût moyen**	**2005**		**2006**		**2007**		**2008**		**2009**		**2010 et suiv.**		**TOTAL**	
			Nbre de réalisations /outputs	Coût total	Nbre de réalisations /outputs	Coût total	Nbre de réalisations /outputs	Coût total	Nbre de réalisations /outputs	Coût total	Nbre de réalisations /outputs	Coût total	Nbre de réalisations /outputs	Coût total	Nbre de réalisations /outputs	Coût total
Définition de l'Indicateur et des procédures pour sa mise en place. (travail effectué par la Commission, sur base des conseils des représentants des EM)				pm		pm		pm		pm		pm		pm		
Élaboration de tests en langue pour alimenter cet Indicateur (principalement couvert par appel d'offres ouvert)				2,5		2,5		0		1,5*		1,5*		0		1,5
Administration de ces tests à un échantillon d'apprenants et analyse des données en découlant. (travail effectué par les EM)				pm		pm		pm		pm		pm		pm		pm
COÛT TOTAL				2,5		2,5		pm		1,5		1,5		pm		1,5

La mise sur pied de l'indicateur n'entraînera pas de dépense opérationnelle supplémentaire à charge du budget de l'Union: les dépenses correspondantes seront supportées par les programmes Socrates et Leonardo da Vinci (puis Lifelong Learning) sans augmentation des dotations globales de ces programmes; de là la mention "pm" reprise ci-dessus.

* Il est estimé que les coûts relatifs au développement des tests seront inférieurs dans le 2ème cycle de tests.

8.2 DÉPENSES ADMINISTRATIVES

8.2.1. EFFECTIFS ET TYPES DE RESSOURCES HUMAINES

Types d'emplois		Effectifs à affecter à la gestion de l'action par utilisation des ressources existantes et/ou supplémentaires (**nombre de postes/FTE**)					
		2005	2006	2007	2008	2009	2010 et suiv.
Fonctionnaires ou agents temporaires[15] (XX 01 01)	A*/AD	0,25	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5
	B*, C*/AST	0,25	0,5	0,5	0,5	0,5	0,5
Personnel financé[16] par art. XX 01 02							
Autres effectifs financés[17] par art. XX 01 04/05		0	0	0	0	0	0
TOTAL		**0,5**	**1,0**	**1,0**	**1,0**	**1,0**	**1,0**

Note: ces ressources humaines additionnelles sont prévues par la décision APS 2006.

[15] Dont le coût n'est PAS couvert par le montant de référence.
[16] Dont le coût n'est PAS couvert par le montant de référence.
[17] Dont le coût est inclus dans le montant de référence.

8.2.2 Description des tâches découlant de l'action

Gestion du Groupe d'experts des États membres (préparation des réunions, documents), gestion d'appels d'offres, conseils politiques.

8.2.3 Origine des ressources humaines (statutaires)

Lorsque plusieurs origines sont indiquées, veuillez indiquer le nombre de postes liés à chacune d'elles).

☐ Postes actuellement affectés à la gestion du programme à remplacer ou à prolonger

☒ Postes pré-alloués dans le cadre de l'exercice de APS/APB pour l'année 2006.

☐ Postes à demander lors de la prochaine procédure de APS/APB

☐ Postes à redéployer en utilisant les ressources existantes dans le service concerné (redéploiement interne)

☐ Postes nécessaires pour l'année n mais non prévus dans l'exercice de APS/APB de l'exercice concerné

8.2.4 Autres dépenses administratives incluses dans le montant de référence (XX 01 04/05 – Dépenses de gestion administrative)

millions d'euros (à la 3ème décimale)

Ligne budgétaire (n° et intitulé)	2005	2006	2007	2008	2009	2010 et suiv.	TOTAL
1. Assistance technique et administrative (comprenant les coûts de personnel afférents)							
Agences exécutives[18]							
Autre assistance technique et administrative							
- *intra muros*							
- *extra muros*							
Total assistance technique et administrative	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**	**0**

[18] Il convient de mentionner la fiche financière se rapportant spécifiquement à l'agence/aux agences exécutive(s) concernée(s).

8.2.5 Coût des ressources humaines et coûts connexes <u>non</u> inclus dans le montant de référence*millions d'euros (à la 3ème décimale)*

Type de ressources humaines	2005	2006	2007	2008	2009	2010 et suiv.
Fonctionnaires et agents temporaires (XX 01 01)	0,054	0,108	0,108	0,108	0,108	0,108
Personnel financé par art. XX 01 02 (auxiliaires, END, personnel intérimaire, etc.) (indiquer la ligne budgétaire)	0	0	0	0	0	0
Coût total des ressources humaines et coûts connexes (NON inclus dans le montant de référence)	**0,054**	**0,108**	**0,108**	**0,108**	**0,108**	**0,108**

Calcul – ***Fonctionnaires et agents temporaires***

Se référer au point 8.2.1 le cas échéant

Application du forfait de 108 kEUR par homme/an.

Calcul - ***Personnel financé par article XX 01 02***

Se référer au point 8.2.1 le cas échéant

Néant.

Autres dépenses administratives <u>non</u> incluses dans le montant de référence

millions d'euros (à la 3ème décimale)

	2005	2006	2007	2008	2009	2010 et suiv.	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missions							
XX 01 02 11 02 – Réunions et conférences	0,086	0,086	0,086	0,086	0,086	0,086	0,516

XX 01 02 11 03 - Comités[19]							
XX 01 02 11 04 - Études et consultations							
XX 01 02 11 05 - Systèmes d'information							
2. Total autres dépenses de gestion (XX 01 02 11)							
3. Autres dépenses de nature administrative (préciser en indiquant la ligne budgétaire)							
Total des dépenses administratives autres que ressources humaines et coûts connexes (NON inclus dans le montant de référence)	**0,086**	**0,086**	**0,086**	**0,086**	**0,086**	**0,086**	**0,516**

Les besoins en ressources humaines et administratives seront couverts à l'intérieure de la dotation allouée à la DG gestionnaire dans le cadre de la procédure d'allocation annuelle.

Calcul - ***Autres dépenses administratives non incluses dans le montant de référence:***

Montant retenu pour les réunions du comité consultatif (Board de représentants des Etats membres):

4 réunions par an * 25 participants (un par EM) * 860 EUR

[19] Préciser le type de comité ainsi que le groupe auquel il appartient.